Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9801 — Allianz/OMERS Infrastructure/T&R JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 160/06)

1. Fil-5 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Allianz Capital Partners GmbH ("ACP", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Allianz SE (il-Ġermanja),

— Borealis Turtle Investments BV ("Borealis", in-Netherlands), li proprjetà kollha kemm hi ta' OMERS Administration Corporation ("OMERS", il-Kanada),

— Autobahn Tank & Rast Gruppe GmbH & Co KG ("T&R", il-Ġermanja).

ACP u Borealis jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' T&R kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni tirriżulta minn emenda fil-prinċipji tal-governanza ta' T&R.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ACP hija sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' Allianz SE, finalment il-kumpanija prinċipali tal-Allianz Group. L-Allianz Group joffri firxa komprensiva ta' prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni u ta' ġestjoni tal-assi kemm lil klijenti privati u kemm lil klijenti korporattivi f'aktar minn 70 pajjiż. Qabel it-tranżazzjoni, Allianz kellha kontroll esklużiv fuq T&R,

— Borealis hija l-entità azzjonarja ta' ġestjoni tal-investiment ta' T&R f'isem OMERS, l-amministratur tal-Ontario Municipal Employees Retirement System Primary Pension Plan u finalment il-kumpanija prinċipali tal-grupp OMERS, wieħed mill-akbar pjanijiet definiti tal-benefiċċji tal-pensjonijiet tal-Kanada. L-ishma ta' OMERS f'T&R ma nbidlux wara t-tranżazzjoni,

— T&R hija fornitur ta' servizzi tal-ikel, ta' prodotti għall-konsum mill-ħwienet, akkomodazzjoni fil-lukandi u fjuwil fil-motorways Ġermaniżi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9801 — Allianz/OMERS Infrastructure/T&R JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 229-64301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË